

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
 - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
-

Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral ta' 26 ta' Ġunju 2018 – Strabag Belgium vs Il-Parlament

(Kawża T-299/18 R)

(“*Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Żmien ta' stennija — Offerta anormalment baxxa — Fumus boni juris — Nuqqas ta' urġenza*”)

(2018/C 301/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Strabag Belgium (Antwerpen, il-Belġu) (rappreżentanti: M. Schoups, K. Lemmens u M. Lahbib, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: P. López-Carceller, Z. Nagy u B. Simon, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament tad-19 ta' April 2018 li jżomm fis-seħħ id-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2017 li jiċħad l-offerta tar-rikorrenti u li jagħti lil ħames offerenti l-kuntratt relatat ma' kuntratt qafas li jinvolvi xogħlijiet ta' kuntrattur ġenerali għall-binjet tal-Parlament fi Brussell (il-Belġu) (sejħa għal offerti 06/D 20/2017/M036).

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
 - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
-

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2018 – German Avocats u XJ (*) vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-352/18)

(2018/C 301/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: German Avocats LLC (Genève, l-Isvizzera), XJ (*) (rappreżentant: N. Skandamis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunkfidenzjalitā.

Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ĝeneralu jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinsab fittra riċevuta mir-rikorrenti fit-2 ta' April 2018, li tiċħad l-offerta konġunta mitfugħha minnhom għal studju ta' tkomplija dwar pratti tal-ġhaqqiet tal-ħaddiema dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u d-diversità fuq il-post tax-xogħol (sejħa għal offerti JUST/2017/RDIS/FW/EQUA/0042)
- tordna lill-konvenuta sabiex tipprovd trasparsenza legalment soddisfaċenti fil-forma ta' informazzjoni rilevanti u analiżi kwantitattiva u kwalitattiva fir-rigward tas-sitwazzjoni relatata mal-kompetizzjoni ta', b'mod partikolari, l-offerent li jirbaħ il-kuntratt u b'raba ma' kwistjonijiet relatati mad-diversità fis-swieq rilevanti għall-kuntratt inkwistjoni;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' danni tal-ammont ta' EUR 35 000 flimkien ma' interassi, lir-rikorrenti, għad-dannu li huma allegatament sostnew bħala riżultat tan-nuqqas li tirrispetta l-aspettattivi leġittimi tagħhom, tat-telf ta' opportunità li jeżegwixxu l-kuntratt inkwistjoni u tal-ksur ta' drittijiet u prinċipji oħra;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur, min-naħħa tal-konvenuta, tal-obbligu ta' motivazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-offerta tagħhom fir-rigward tas-sejħa għal offerti JUST/2017/RDIS/FW/EQUA/0042.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni mwettqa mill-konvenuta fl-evalwazzjoni li hija wettqet tal-offerta tar-rikorrenti fir-rigward tal-imsemmja sejħa għal offerti.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur, min-naħħa tal-konvenuta, tad-dmir tagħha li tiżgura l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti fir-rigward ta' sitwazzjoni tas-suq kompetittiva li tiggarrantixxi kundizzjonijiet ekwi bejn il-kompetituri, inkluż billi ttollerat u/jew iffavorixxiet abbużi reali jew possibbli minn pożizzjonijiet dominanti fis-suq, u li l-konvenuta kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' amministrazzjoni tajba, ta' trasparenza u ta' bona fide fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2018 – Hugo's Hotel vs EUIPO – H'ugo's (Hugo's Burger Bar)

(Kawża T-397/18)

(2018/C 301/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hugo's Hotel Ltd (San Ġiljan, Malta) (rappreżentant: R. Sladden, avukat)

Konvenut: L-Ufficiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: H'ugo's GmbH (München, il-Ġermanja)